**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SITT LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 40 – IT-TNEJN, 9 TA' LULJU 2012 FIS-5:45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | David Dalli | Viċi Sindku |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Marica Bayliss | Kunsillier |
| | Violet Bajada | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skuzati | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |

1 **Approvazzjoni Minuti Numru 39**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 66**

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Mikhail Micallef issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Kwotazzjoni SGNLC/Q/11/12 - *Emptying of doggie bins*.**

3.1 Saret diskussjoni rigward l-offerti li ġew sorromti għal din it-talba għall-kwotazzjonijiet. Kien hemm 7 offerti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tiġi aċċettata l-offerta ta' Joseph u Baldassare Borg minħabba li din hija l-irħas waħda. Is-Sur Neville Mallia issekonda. Kien hemm 5 favur u 2 astensjoni.

**4 *Post Mortem* – Attivitajiet Jum San Ġwann**

4.1 Saret diskussjoni rigward l-attivitajiet ta' Jum San Gwann. Ġie deċiż li tinbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-volontiera kollha li ħadu sehem. Is-Sur

Etienne Bonello Du Puis ippropona li ftit mill-attivitajiet ikomplu jsiru f'Jum San Ġwann waqt li oħrajn isiru matul is-sena u b'hekk jistgħu jitgawdew aħjar minn aktar nies. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

4.2 Saret diskussjoni rigward l-attività tal-ikel u artiġjanat li ser issir fl-1 u 2 ta' Settembru 2012. Kien hemm qbil unanimu li din issir u għandha ssir applikazzjoni biex issir it-tombla waqt din l-attività.

**5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

5.1 Is-Sindku qara korrispondenza rigward il-ħidma tal-LES li hu kiteb u li xtaq l-appoġġ tal-Kunsill għaliha. Din il-korrispondenza għandha tintbagħat lir-Reġjun Ċentrali. Is-Sur Mikhail Micallef ippropona li l-Kunsill jagħti l-appoġġ għal din. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

5.2 Saret diskussjoni rigward 3 bankini li għandhom isiru bl-għajnuna tal-MRRA. Dawn huma Triq iċ-Ċawl, Triq Ta' Marmora u t-tneħħija tal-bankina fit-triq li hemm ġo Wied Għomor. Kien hemm qbil unanimu.

5.3 Il-Kunsill gie infurmat li TM awtorizza l-implimentazzjoni tal-*One Ways* fi Triq il-Pluviera u Triq il-Venew li kien talab il-Kunsill.

5.4 Saret diskussjoni rigward il-*qualification allowance* għas-Sinj. Emily Visanich, impjegata tal-Kunsill. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li dan għandu jiġi applikat skont kif ġie ikkomunikat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fil-*memo* maħruġ.

5.5 Il-Kunsill ġie nfurmat li TM irrifjuta t-talba ta' appell għall-*reserved parking* fi Triq il-Kappella biex tiġi użata waqt il-ġranet tad-*Day Centre*.

5.6 Saret diskussjoni rigward il-proposta għal *Car Free Day*. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill ma jieħux sehem din is-sena.

5.7 Saret diskussjoni rigward l-offerta biex *orchestra* barranija iddoqq f'San Ġwann. Il-Kunsill ma qabilx ma' din u għandha tintbagħat ittra ta' ringrazzjament.

5.8 Masġar Patri Leopoldu Tabone. Għandha tinġabar l-informazzjoni meħtieġa biex tinħareġ talba għal offerta biex jissaqqa dan il-masġar permezz ta' *drip irrigation*.

5.9 Saret talba mis-Sur Baldassare Borg biex jagħmel 2 riklami fi Triq Feliċ Borg. Kien hemm qbil unanimu u għandhom japplikaw ir-rati normali.

5.10 Il-Kunsill qabel li Triq il-Gardell għandha ssir *one way* minħabba li hija dejqa ħafna. TM għandha tagħmel laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti rigward din.

5.11 Għandha ssir laqgħa mal-Kunsill Lokali tas-Swieqi rigward it-triq li tinsab fi Triq Wied Għomor.

**6 Affarijiet Oħra**

6.1 Is-Sur Neville Mallia ippropona li ssir mera u *markings* fi Triq il-Bies. Kien hemm qbil unanimu. Saret diskussjoni u ġie deċiż li s-Sur Mallia jista' jagħmel ir-*refreshing* tal-marki li jkun hemm bżonn. Hu talab ukoll biex issir *reminder* rigward l-appell li hemm pendenti mal-Bord tal-Appelli.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex it-telephone li jinsab fil-kamra ż-żgħira jinżel isfel. Hi nfurmat li ser ssir attività għat-tfal kif ukoll oħra għall-

anzjani. Ġie deċiż ukoll li ssir l-attività tal-Milied taħt it-tinda u l-attività tal-Karnival fi Frar. Talbet ukoll biex il-Kunsill jagħmel aktar sforz biex jissepara l-iskart tiegħu.

6.3 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex issir *MC bay* fi Triq Ta' Ċieda. Kien hemm qbil unanimu.

6.4 Is-Sinjura Violet Bajada irrimarkat li kien hemm plakka tal-isem tat-triq nieqsa fi Triq il-Fuxa. Hi talbet ukoll x'kien ġara rigward l-applikazzjoni għall-fondi biex jiġi rranġat il-ġnien f'Ta Żwejt.

6.5 Is-Sur Mikhail Micallef irrimarka rigward aċċessibilità ta' bankina fi Triq il-Kappella k/m Triq in-Naxxar. Ġie nfurmat li din hija parti mix-xogħol li l-Kunsill ġie mogħti fondi. Hu ukoll irrimarka rigward it-talba li kien għamel rigward aktar *WIFI hot spot* madwar San Ġwann. Is-Sur Micallef ippropona li Triq il-Kapuċċini tiġi *residents parking*. Ma kienx hemm sekondant.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fid-8.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 27 ta' Awwissu 2012 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |